MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1726/2005

**Attard & Co Limited**

**vs**

**Euro Equipdata Limited u Noel Calleja**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat filt-12 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija sebgha u sebghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm177.22) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta u ghal liema somma l-konvenut Noel Calleja obbliga ruhu li jaghmel tajjeb in solidum mas-socjeta konvenuta, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra in-nota tas-socjeta ttrici li permezz taghha cediet is-sorte u zammet ferm il-kap ta'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fis-26 ta'Novembru 2005 u fis-26 ta' Settembru 2005 rispettivament, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------